MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 415/92
Kawza Numru. 7

**Il-Pulizija**

**vs**

**Coronato Portelli**

**Illum 26 ta' Ottubru 2011**

## SENTENZA PRELIMINARI

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Coronato Portelli ta' 196 Triq San Blass, Nadur, Ghawdex:

Talli f'Ghawdex, ghamilt jew gieghelt jew hallejt li jsir xi haga f'Durell, Sannat Ghawdex li ghaliha huwa mehtieg

permess skond l-artikolu 16(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10 minghajr dak il-permess, jew mhux skond il-kundizzjonijiet ta’ dak il-permess, konsistenti dan il-ksur filli bnejt bla permess.  Ghaldaqstant il-Qorti mitluba sabiex tapponta ghas-smiegh dan il-kaz b’urgenza skond is-Subartikolu 7 tal-Artikolu 17 tal-Pulizija, Kapitolu 10 u li jigu applikati d-disperizzjonijiet tas-Subartikoli (1) (3) u (8) tal-imsemmi Artikolu 17.  Fl-ahharnett il-Qorti hija  mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ xi dritt li l-hati ghandu fi, jew fuq proprjeta’ immobbli li dwarha sar ir-reat u dan skond l-Artikolu 17A tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet il-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza preliminari fuq il-pregudizzjali sollevati mill-imputat fl-ahhar seduta tas-27 ta’ Mejju 2011 kif esposti fin-nota tal-imputat tal-20 ta’ Mejju 2011;

Semghet lill-partijiet u rat in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom;

L-ewwel eccezzjoni tal-imputat hija mmirata lejn il-preskrizzjoni tal-azzjoni attwali u jinvoka dik il-preskrizzjoni tremestrali ghaliex bini bla permess huwa att istantaneju u jikkonsisti f’kontravvenzjoni u ghalhekk preskrivibbli bit-trappass ta’ tlett xhur.  Din l-eccezzjoni hija destinata li tfalli u din il-Qorti minghajr ezitazzjoni tiddikjara illi l-imputat m’ghandux ragun.  L-artikolu 17 tal-Kap 10, salvat permezz tal-artikolu 63(1) tal-Att I tal-1992, jipprovdi illi minkejja dak kollu li jinghad fl-artikolu 318 u 319 tal-Kap 10, kull minn jikser id-dispost tal-artikolu 16 ikun hati ta’ reat u jehel meta jinsab hati multa ta’ mhux anqas minn hamsin lira u mhux izjed minn mitt lira.  Huwa minnu li l-artikolu 318 u 319 jipprovdu li kull min jikser id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 10 ikun hati ta’ kontravvenzjoni izda l-artikolu 17 huwa wiehed specjali u ghalhekk jipprevali fuq l-artikolu 318 u 319.  Issa, l-artikolu

688 (e) tal-Kap 9 jipprovdi illi d-delitti suggetti ghal-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet huwa preskrvibbli bl-eghluq ta' sentejn. Ezaminati l-atti ma tirrizultax il-preskrizzjoni ta' sentejn u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tkun michuda;

It-tieni eccezzjoni hija ukoll bazata fuq dak li jsostni l-imputat fl-ewwel eccezzjoni tieghu, u cioé li l-allegat ksur ta' ligi jekwivali ghal kontravvenzjoni u ghalhekk l-preskrizzjoni (u mhux l-azzjoni kif jghid l-imputat fin-nota tieghu) kellha tkun interotta kull tlett xhur u dan kontra dak li jpprovdi l-artikolu 687(2) tal-Kap 9 li dahal fis-sehh wara li kienet inizzjata din l-odjerna procedura kontra l-imputat. Ghal istess ragunijiet kaptati dwar l-ewwel eccezzjoni, din l-eccezzjoni qieghdha ukoll tkun michuda;
Jifdal ghalhekk it-tielet eccezzjoni kwantu dan ir-reat huwa abbrogat u ghalhekk l-imputat ma jistghax ikun misjub hati ta' reat li ma ghandux fis-sehh that il-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti mhix ser tinoltra ruhha f'kunsiderazzjoni fit-tul dwar din l-eccezzjoni ghaliex din hija ghall-ahhar skoretta. Huwa minnu illi l-Att I tal-1992 hassar l-ewwel taqsima tal-Kap 10 u dan permezz tal-artikolu 63 ta' dak l-Att, izda fl-istess waqt salva kull azzjoni maghmulha taht l-istess taqsima meta jirraviza hekk: Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu [63], il-ligijiet, jew disposizzjonijiet taghhom, specifikati hawn that huma mhassra jew ikolhom effett kif provdut f'dan l-artikolu u jkompli billi jghid illi: Taqsima I tal-Kap 10 izda kull reat maghmul kontra xi wahda mid-disposizzjonijiet imhassar b'dan l-artikolu ghandu jibqa' reat kontra dawk id-disposizzjonijiet u jistghu jinbdew jew jitkomplew procedimenti dwaru bhal li kieku dawk id-disposizzjonijiet kienu ghandhom fis-sehh.

Ghal dawn il-motivi, it-tlett eccezzjonijiet qed ikun respinti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------